StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

**Il-Ħames Sena ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem: ______________________________________ Klassi: _______________**

**It-tweġibiet għandhom jinkitbu fuq karta separata minbarra mistoqsija 13a.**

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *Xagħri* | *Scrub vegetation* |
| *Riżors li jiġġedded* | *Renewable resource* |
| *Tisħin globali* | *Global warming* |
| *Klima Ekwatorjali* | *Equatorial Climate* |
| *Konservazzjoni tal-ħamrija* | *Soil Conservation* |
| *Telf ta' ħamrija* | *Soil Erosion* |

**Sezzjoni A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni (minn 1 sa 9). It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

1. X'nifhmu bil-kelma '**klima**'? Semmi **żewġ** tipi ta' klima li nsibu f'postijiet differenti tad-dinja. (4)

2. Semmi **erba'** raġunijiet għaliex postijiet madwar id-dinja jaf ikollhom klima differenti. (4)

3. Semmi d-deżerti mmarkati bl-ittri **A**, **B**, **C** u **D** fuq il-mappa t'hawn taħt. (4)




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. L-istampa t'hawn taħt turi tip ta' veġetazzjoni naturali li nsibu fil-Mediterran magħ
**xagħri**. Spjega kif din it-tip ta' veġetazzjoni jirnexxilha tadatta għall-klima ta' dan il-p



5. Minn xiex hija magħmula l-**ħamrija?** Għaliex dan ir-riżors huwa meqjus bħala wieħed li jiġġedded? (4)

6. Spjega **żewġ** tipi ta' attivitajiet ekonomiċi minn **Primarju**, **Sekondarju** u **Terzjarju**. Agħti eżempju ta' xogħol li jaqa' taħt is-setturi li semmejt mill-ekonomija Maltija. (4)

7. Spjega għaliex f'dawn l-aħħar 60 sena l-industrija tat-turiżmu madwar id-dinja kibret b'rata mgħaġġla ħafna. (4)

8. Spjega għaliex it-temperatura globali tad-dinja qed togħla? (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

9. Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Ewropa hawn taħt.

a. Agħti l-ismijiet tal-pajjiżi mmarkati bl-ittra A, B, C u D.

b. Agħti wkoll il-belt kapitali tal-pajjiżi mmarkati bl-ittra A, B, C u D. (4)




StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Sezzjoni B**
**Wieġeb 3 mistoqsijiet minn din is-sezzjoni (minn 10 sa 13). It-tweġibiet iridu jkunu de**
**Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

10. a. Spjega l-karatteristiċi ewlenin tal-**Klima Ekwatorjali**. (8)

 b. Semmi **żewġ** postijiet li għandhom Klima Ekwatorjali. (2)

 c. Semmi **tliet** differenzi bejn il-klima Ekwatorjali u dik ta' Deżerti sħan. (6)

 d. Spjega d-dehra tal-veġetazzjoni f'żoni li għandhom Klima Ekwatorjali. (4)

11. Rapporti li dehru ftit ta' snin ilu juru biċ-ċar li l-bniedem huwa responsabbli għat-**tisħin globali**.

 a. Spjega **żewġ** ħwejjeġ li juru biċ-ċar li t-temperatura globali diġà qed tiżdied. (2)

 b. Semmi x'jista' jiġri jekk it-temperatura globali tkompli tisħon. (8)

 c. Peress li t-tisħin globali hija problema serja, ħafna gvernijiet qed jieħdu miżuri biex itaffu kemm jistgħu din il-problema. Issuġġerixxi x'miżuri jistgħu jieħdu l-gvernijiet biex inaqqsu l-impatt tat-tisħin globali. (4)

 d. Kif tista' tadotta stil ta' ħajja responsabbli biex tnaqqas l-effetti tat-tisħin globali? (6)

12. Ħares sewwa lejn l-istampi t'hawn taħt.





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

a. X'tissejjaħ l-attività li tidher fl-istampi ta' paġna 4?

b. Spjega kif din l-attività twassal għat-telf tal-ħamrija.

c. Semmi u spjega **żewġ** prattiċi tal-biedja li jistgħu jwasslu biex tintilef il-ħamrija. (6)

d. Spjega **tliet** miżuri ta' konservazzjoni li jtaffu l-problema ta' telf ta' ħamrija.. (9)

13. a. Uża l-istatistika mgħotija hawn taħt biex tkompli l-graff tal-klima. (6)

| Xhur | Temperatura ºC | Xita mm |
|---|---|---|
| **Lulju** | *27* | *0* |
| **Awwissu** | *27* | *5* |
| **Settembru** | *24* | *20* |
| **Ottubru** | *22* | *45* |
| **Novembru** | *18* | *60* |
| **Diċembru** | *15* | *90* |




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

b. Uża l-graff biex tispjega l-karatteristiċi ewlenin ta' din il-klima. )

c. Semmi **erba'** postijiet madwar id-dinja li għandhom din il-klima.

d. Il-klima murija f'din il-graff tbati minn perjodu ta' nixfa.
X'nifhmu meta ngħidu 'nixfa' u xi problemi jistgħu jinħolqu f'dan iż-żmien? (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers